# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 4**

**Rikors Numru 807/08 RCP**

**John Mary Camilleri**

**Vs**

**L-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2009 gew kjamati fil-kawza Alexia Cross u Ray Auto Dealer u b'digriet datat 21 ta' Awwissu 2012 giet odnata korezzjoni fl-okkju b'dan li giet inserita s-socjeta` Ray Auto Dealer Limited ezercitanti l-kummerc f'isem id-ditta Ray Auto Dealer**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-kjamata fil-kawza, is-socjeta` Ray Auto Dealer Limited [is-socjeta` appellanti] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2012, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet hekk:

> "[1] Tiddikjarat u tiddecidi illi kwalunkwe dokument li gie pprocessat mill-Awtorita` konvenuta l-Awtorita` dwar it- Trasport ta' Malta fil-konfront tal-vetturi tal-attur bin-numri LET-306 u KAF-525 u li saru minghajr il-kunsens u l-firma tal-istess attur huma nulli u bla effett stante li dawn saru b'ingann u frodi;
>
> "[2] Tordna lill-Awtorita` konvenuta l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghaxar (10) t'ijiem mid-data tad-decizjoni tikkancella kwalunkwe dokument li gie pprocessat u li nhareg minghajr il-kunsens u l-firma tal-attur fil-konfront tal-vetturi tal-attur bin-numri LET-306 u KAF-525;
>
> "[3] Tiddikjara illi bl-agir taghha l-Awtorita` konvenuta l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta ikkagunat danni lill-attur likwidabbli f'gudizzju separat.
>
> "Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita` konvenuta u b'riserva ta' kull dritt ta' rivalsa li l-istess Awtorita` konvenuta jista' jkollha kontra Alexia Cross, u wkoll b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lis-socjeta` kjamata in kawza Ray Auto Dealer Limited (C – 9850) ezercitanti l-kummerc f'isem id-ditta Ray Auto Dealer kontra l-istess Awtorita` konvenuta u l-imsemmija Alexia Cross."

Fatti tal-kaz

2. L-attur [l-appellat] bhala proprjetarju tal-vetturi Peugeot 306 Reg. No. LET – 306 u Daihatsu Charade Reg. No. KAF – 525 fetah l-odjerni proceduri in kwantu jsostni li l-Awtorita` konvenuta b'mod negligenti harget *log book* gdid fuq l-istess vetturi lill-kjamata fil-kawza Alexia Cross, meta din ipprezentat ruhha bhala is-sid tal-vetturi. Il-*log books* originali baqghu fil-pussess tal-attur, izda Alexia Cross uzat il-*log books* il-godda sabiex trasferit il-karozzi Peugeot LET – 306 u l-karrozza KAF – 525, wahda lis-socjeta` appellanti u l-ohra lil certu Hubert, tac-Chevron Auto Dealer, rispettivament. Ghal dan l-agir, l-imsemmija

Alexia Cross tressqet kriminalment, ammettiet l-akkuzi u giet misjuba hatja mill-Qorti Kriminali.

3. Gimghat wara li sehh it-trasferiment tal-vettura Peugeot LET-306, l-attur mar fis-showroom tas-socjeta` appellanti u infurmahom illi tali vettura kienet tieghu. Sussegwentement, is-socjeta` appellanti inzammet milli tinnegoza l-vettura in kwistjoni u nbdew l-odjerni proceduri.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghas-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru 2012 abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-attur bhala proprjatarju tal-vetturi Peugeot 306 Reg. No. LET – 306 u Daihatsu Charade Reg. No. KAF – 525 qed jaghmel din il-kawza ghaliex qed isostni li l-Awtorita` konvenuta b'mod negligenti harget *log book* gdid fuq l-istess vetturi lill Alexia Cross, meta din pprezentat ruhha bhala sid tal-istess vetturi, u ghalhekk giet indikata bhala sid tal-istess, u wara uzat l-istess *log books* sabiex trasferit karozza minnhom lill-Ray's Auto Dealer u l-ohra lill-certu Hubert tac-Chevron Auto Dealer u fil-fatt talli ghamlet dan hija gie anke akkuzata kriminalment, ammetiet l-akkuzi u allura giet misjuba hatja skont decizjoni tal-Qorti Kriminali kompetenti datata 6 ta' Dicembru 2007 (Dok. "D"), wara li kient ghamlet stqarrija datata 21 ta' Mejju 2007 (Dok. "C" – fol. 7) fejn spjegat kif aggixiet sabiex dawret l-istess karozzi fuqha.
>
> "Illi mill-provi jirrizulta li l-ewwel hija kriet l-istess vetturi li ma kienx K – *plate* minghand l-attur; mbaghad marret ghand ADT u hadhet gurament li kienet tilfet rispettiv tal-*log book* taghhom u ghamlitu quddiem zewgt impjegati tal-ADT, Johan Debono u certu Christina. Kif inhargu il-*log books* u inghataw lilha hija ghaddiet sabiex taghmel u tirregistra t-transfers tal-vetturi fuq l-istess *log book* billi hija ffalsifikat il-firma tal-attur bhala sid tal-istess vetturi u ffirmat hija bhala xerrejja tal-istess u b'hekk

kien possibbli li jinhareg log book fuq isimha bhala sid. Dan sehh fil-11 ta’ April 2007.

“Illi wara dan hija trasferiet fit-12 ta’ April 2007 il-vettura Peuguet 306 LET 306 lill Ray’s Auto Dealer ghall prezz ta’ Lm1,400 u d-Daihatsu Charade bieghta lill Hubert tac-Chevron Auto Dealer ghall prezz ta’ Lm250.

“Illi jidher li l-prassi li kienet dak iz-zmien taddotta l-Awtorita` konvenuta kienet li meta persuna tallega li tilfet il-*log book* ta’ karozza, anke jekk mhux is-sid, kien biss jittiehed affidavit mill-persuna li taghmel tali allegazzjoni, li ma tigix verifikata mis-sid, u jinhareg il-*log book* lill persuna li tallega li tilfet il-log book u tghid li dan kien fil-pussess taghha u b’hekk jinghata lill din il-persuna f’dan il-kaz Alexia Cross.

“Illi wara jirrizulta li fuq l-istess log Alexia Cross hekk fil-pussess tal-istess log books, iffirmat fil-11 ta’ April 2007 ghas-sid bhala bejjieh (l-attur) u dan billi falsifikat il-firma tal-attur u hija ffirmat bhala l-persuna li kienet ser takkista l-vettura u allura bhala xerreja (fol. 133) u wara trasferiet l-istess karozza lill Ray Auto Dealer (fol. 136) u jidher li dan gie accettat mill-Awtorita` minghajr ma saru ebda verifiki ta’ xejn, la dwar il-firem u lanqas dwar jekk dawn jikkombaccjawx mal-firma tas-sid.

“Illi fuq il-karozza l-ohra sar l-istess haga kif jidher mid-dokument a fol 76 tal-process, fejn Alexia Cross iddikjarat li kienet tilfet l-*log book* u wara ghamlet il-bejgh tal-vettura billi ffirmat ghall-attur (fol. 75) u jidher li dan sar ukoll bhal l-ewwel kaz b’firma falza ta’ dak li kien indikat bhala xhud tal-firem. Mbaghad hija regghet iffirmat bhala sid sabiex trasferiet il-vettura (fol. 72) ghall fuq Shirley Zammit Cacciatolo, ghalkemm f’dan il-kaz it-transfer ma giex registrat mill-Awtorita` konvenuta.

“Illi jidher li dan kollu sar minghajr ma gew verifikati l-persuni li kienu qed jaghmlu tali dikjarazzjonijiet u lanqas gie ccekjat min kien effettivament is-sid tal-istess vetturi, u wkoll li l-firem kienu verament tal-istess sid, b’dan li f’dan il-kaz jirrizulta li bhala mpjegat ta’ ADT kien hemm certu Johann Bonello. Fil-fatt jirrizulta minn tal-inqas li l-affidavit ta’ Alexia Cross ma kienx kontro-firmat, la intalbet karta tal-identita’ u ma kienx hemm verifiki ta’ min huwa s-sid registrat tal-istess vetturi, u jidher li l-prassi kienet f’dan is-sens anke mix-xhieda kemm ta’ Johann Bonello (12 ta’ April 2011 – fol, 231) u anke ta’ Brian Farrugia (18 ta’ Gunju 2009 – fol. 160).

“Illi minn dan kollu jirrizulta li t-talbiet attrici gew ippruvati ghaliex jidher li d-dokumenti sabiex jigu trasferiti l-vetturi lil-Alexia Cross kien falsifikati u dan sehh b’ingann u frodi perpetrati minn Alexia Cross, izda wkoll b’negligenza da parte tal-Awtorita` konvenuta, li ma uzatx il-mezzi disponibbli ghaliha sabiex tivverifika fl-ewwel lok ta’ min kienet il-vettura, u wkoll sabiex tara li l-firem fuq id-dokumenti kien debitament awtentikati minn persuni kompetenti, u ghalhekk hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li kull dokument li gie

processat mill-Awtorita` konvenuta kien effett ta' ingann u frodi prattikati minn Alexia Cross, li approfitat ruhha minn negligenza grossolana da parte tal-Awtorita` konvenuta, kemm minhabba n-nuqqasijiet tal-adetti taghha, u kif ukoll minhabba laxkezza serja f'dik li kienet dak iz-zmien il-procedura sabiex jinhareg *log book* gdid u wkoll sabiex tigi registrata registrazzjoni ta' vettura, (u dan konsistenti kemm fin-nuqqas li ssir verifika mas-sid tal-vettura qabel ma jinhareg *log book* gdid, kemm minhabba nuqqas ta' awtentikazzjoni tal-firem necessarji tal-persuni relattivi, kemm f'dak li huwa hrug ta' *log book* gdid, kif ukoll sabiex issir it-trasferiment tar-registrazzjoni tal-vettura), b'dan allura li kull registrazzjoni tal-istess vetturi minghajr il-kunsens u l-firma attwali tal-attur bhala sid tal-istess vettura qed tigi ddikjarata bhala nulla u effett.

"Illi konsegwentement ghandha tintlaqa' it-tieni talba b'dan li l-vetturi ghandhom jergu jigu registrati fuq l-attur, li kien u ghadu s-sid registrat tal-istess vetturi, u f'dan il-kuntest u bil-mod kif saru t-talbiet attrici l-istess Awtorita` konvenuta qed tigi ddikjarata responsabbli ghad-danni kkawzati lill-attur, salv kull dritt ta' rivalsa li l-istess Awtorita` konvenuta ghandha kontra Alexia Cross li prattikat l-ingann u l-frodi u d-dokumenti relattivi ta' trasferiment tal-istess vetturi.

"Illi din id-decizjoni tolqot ukoll lill-Raymond Zammit fil-kwalita' tieghu premessa, u d-difiza tieghu li huwa akkwista wahda mill-vetturi in bouna fede ma tistax tevita li jintlaqghu t-talbiet attrici fil-konfont tal-Awtorita` konvenuta, u dan in kwantu l-azzjoni kif ipprezentata qed tattaka mhux l-att ta' trasfiriment tal-vetturi, izda l-atti u d-dokumenti ta' registrazzjoni tal-istess vetturi, u in kwantu jirrizulta li tali dokumenti sabiex il-vetturi gew trasferiti lill-Alexia Cross, kienu rizultat ta' frodi u ingann, mela allura dan iwassal sabiex jigi ddikjarat null kull dokument hekk mittiefes, u kull dokument sussegwenti ghall-istess, ghaliex huwa effett minn frodi u allura l-istess registrazzjoni tat-trasferiment ta' tal-vetturi lill-Alexia Cross huma nulli u bla effett, u isegwi li kull dokument konsegwenti ghall-istess huwa wkoll null u bla effett u dan in virtu tal-massima *"fraus omnia corrumpit".* Dan salv kull dritt ta' danni li Raymond Zammit fil-kwalita' tieghu premessa jew ahjar is-socjeta' kjamata fil-kawza jista' jkollu jew jkollha kontra l-istess Alexia Cross u anke possibilment kontra l-Awtorita` konvenuta."

L-Appell

5. Is-socjeta` appellanti qed tillimita l-appell taghha ghal dak li jirrigwarda l-vettura Peugeot 306 numru LET-306 in kwantu hija din il-vettura li hi kienet akkwistat minghand il-kjamata fil-kawza l-ohra Alexia

Cross.

6. L-istess socjeta` ipprezentat rikors tal-appell datat 19 ta' Ottubru 2012, fejn iddikjarat illi l-aggravji taghha jirreferu ghal dik il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn cahdet it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni taghha, u ghar-ragunijiet hemmhekk premessi qed titob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn cahdet dawn l-eccezzjonijiet u minflok, tilqa' dawn l-eccezzjonijiet u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur appellat in kwantu jolqtu lilha u r-registrazzjoni fuqha tal-vettura fuq imsemmija bin-numru ta' registrazzjoni LET-306. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

7. Permezz ta' risposta pprezentata fil-21 ta' Novembru 2012, l-attur appellat ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, talab lill-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha u tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

8. L-Awtorita` appellata u l-appellata Alexia Cross ma pprezentaw ebda risposta bil-miktub ghall-appell odjern.

L-Aggravji

9. Fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji taghha, is-socjeta`

appellanti tilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti trattat kwazi esklussivament il-kwistjoni ta' kif Alexia Cross qarrqet bl-Awtorita` konvenuta biex harget *log book* gdid fuq isimha. Hija ssostni illi l-*log book* il-gdid inhareg mill-Awtorita` stess u allura kien *log book* awtentiku fuq isem Alexia Cross. Is-socjeta` appellanti tissottometti illi minhabba d-dikjarazzjoni falza ta' Alexia Cross u n-negligenza grossolana tal-Awtorita` konvenuta, l-ewwel Qorti ddikjarat nulla u bla effett kull registrazzjoni tal-istess vetturi minghajr il-kunsens u l-firma attwali tal-attur bhala sid.

10. Is-socjeta` appellanti ssostni illi hija ghandha l-pussess tal-vettura in kwistjoni, liema vettura giet akkwistata minnha in bona fidi fil-kors normali tan-negozju, bi prezz tajjeb u bi thaddim ta' proceduri normali, anke bil-verifiki tal-*log book,* u anke kienet ivverifikat mal-ADT dwar citazzjonijiet pendenti.

11. Tghid li dawn il-provi ma gewx kontradetti jew imxejna, anzi l-ewwel Qorti jidher li accettathom. Tissenjala li rapprezentant tal-ADT stess Brian Farrugia xehed li huwa qatt ma kellu problemi ta' natura gudizzjarja ma' *Ray Auto Dealer* in kwantu s-socjeta` appellanti ddawwar ir-registrazzjoni ghal fuq isimha mill-ewwel malli takkwista l-vettura.

12. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, is-socjeta` appellanti tikkontendi illi l-

ewwel Qorti kellha tapplika l-Artikoli 558 u 559 tal-Kodici Civili li jitkellmu dwar l-effetti legali ta' pussess ta' mobbli, in bona fidi u tissottometti li ma jirrizultax kontestat li l-vettura, oggett mobbli, kienet giet akkwistata minnha in bona fidi u minghand il-persuna li fuqha, il-vettura kienet registrata b'mod ufficjali bhala sid. Il-pussess tal-vettura f'dawn ic-cirkostanzi ghandu l-istess effett ta' titolu skont l-Artikou 558. Ghalhekk tghid li l-uniku rimedju tal-attur fil-konfront taghha bhala terz pussessur in *buona fede* kien dak li jitlob il-vettura lura billi jindennizza lilha.

13. L-attur John Mary Camilleri jilqa' ghall-appell billi jissottometti inter alia, li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddikjarat illi kull dokument li gie pprocessat mill-Awtorita` konvenuta kien effett ta' ingann u frodi pprattikati minn Alexia Cross, b'dan li kull registrazzjoni tal-vetturi minghajr il-kunsens u l-firma tal-attur bhala sid giet dikjarata nulla.

14. Isostni li l-aggravju tal-awtenticita` tal-*log book* tas-socjeta` appellanti ma jirrizultax in kwantu l-*log book* gie akkwistat b'qerq u ngann. Ghalkemm ir-rekwizit tal-ezistenza tal-*buona fede* da parti tas-socjeta` appellanti mhijiex kontestata, ma tistax tregi t-tezi li t-trasferiment huwa validu in kwantu d-dokumenti mehtiega sabiex isir it-trasferiment huma nulli u bla effett u ghalhekk it-trasferiment qatt ma sehh. Huwa jikkwota s-sentenza tal-Prim'Awla tas-26 ta' Jannar 1953, fl-ismijiet **Carmelo Vella v. Commissioner Gunner Steward R.**

**Honour, R. n.** fejn inghad illi jekk l-oggett ma jkunx tal-bejjiegh, il-bejgh huwa null ghax ikun bejgh ta' haga ta' haddiehor.

15. L-attur jissottometti illi l-Artikoli 558 u 559 qatt ma kienu intenzjonati ghal cirkostanzi bhal dawn tal-kaz in kwistjoni. L-Artikolu 558 qatt ma jista' jigi applikat ghal mobbli specjali li jirrikjedu procedura specjali sabiex isir it-trasferiment taghhom. Jghid li vettura ma tistax tigi trasferita semplicement bi ftehim bhal mobbli ohra u ghalhekk l-argument tas-socjeta` appellanti ghandu jigi michud. Jissenjala li l-ewwel Qorti iggwidat lis-socjeta` appellanti dwar kif ghandha tipprocedi, izda din webbset rasha u fethet dan l-appell.

16. L-attur jghid li l-ewwel Qorti fehmet u kkonkludiet korrettament illi l-uniku rimedju illi ghandhom, kemm l-attur appellat kif ukoll is-socjeta` appellanti, huwa fil-konfront tal-kjamata in kawza Alexia Cross u tal-Awtorita` dwar it-Trasport.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

17. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni legali li, kif huwa assodat fil-gurisprudenza, in-natura u l-parametri gudizzjarji tal-azzjoni huma determinati mill-premessi u mit-talbiet maghmula fl-att promotorju tal-gudizzju, konsidrati wkoll fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati. Ukoll, il-

Qorti fil-gudizzju taghha ghandha toqghod fil-limiti tal-kontestazzjoni kif tirrizulta mill-att indikati.[1] Kif osservat din il-Qorti fil-kawza App. S **Maria Antonia Borg et v. Daniel Gambin et**, 27 ta' Jannar 2017 *"…*huwa prinċipju ewlieni fil-proċedura li l-azzjoni jagħżilha l-attur u mhux il-konvenut. Huwa fuq l-azzjoni kif proposta li l-Qorti tintalab tagħti l-ġudizzju tagħha, u mhux fuq x'azzjoni setgħu jew messhom ressqu l-atturi l-qorti għandha obbligu li tiddeċiedi l-kawża fil-parametri tat-talbiet li tressqu mill-atturi".

18. Illi l-kawza odjerna m'hijiex kawza ghar-ripresa tal-pussess tal-vettura *quo agitur*, izda hija kawza diretta sabiex jigi dikjarat li d-dokumenti, li wasslu sabiex dik il-vettura spiccat registrata fuq isem is-socjeta` appellanti, kienu foloz, sabiex jigi ordnat il-konsegwenzjali kancellament taghhom, kif ukoll sabiex jigi dikjarat li l-Awtorita` hija responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

19. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu ghall-konkluzjoni li, ladarba l-attur appellat mhux qed jitlob li jinghata lura l-pussess tal-vettura, allura l-Artikoli 558 u 559 tal-Kodici Civili sollevati fl-aggravju mhumiex applikabbli u huma rrelevanti ghall-gudizzju odjern. Barra minnhekk jigi osservat li ma hemm ebda ostakolu fil-ligi li jimpedixxi li l-attur appellat jillimita t-talbiet tieghu bil-mod fuq indikat.

[1] Ara fost ohrajn, App.inf Carmelo Cassar vs Victor Zammit, deciza 23 Gunju 2004

20. Rigward l-ezistenza tal-bona fidi senjalata mis-socjeta` appellanti, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-bona fidi da parti taghha fl-akkwist tal-vettura ma gietx kontestata, din pero` ma tissanax l-invalidita` tad-dokumenti falsifikati mill-konvenuta Alexia Cross. Fi kliem iehor, minkejja l-bona fidi tas-socjeta` appellanti bhala xerrejja tal-vettura, id-dokumenti xorta wahda jibqghu vizzjati bil-qerq u bhala tali jirrendu monk u llecitu l-kuntratt ta' xiri-u-bejgh li dahlet ghalih is-socjeta` appellanti.

21. Din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel ma' dik il-parti tal-aggravju fejn is-socjeta` appellanti ssostni illi l-*log book* li abbazi tieghu sar it-trasferiment kien wiehed 'awtentiku'. Dak il-*log book*, ghalkemm debitament mahrug mill-Awtorita` kompetenti, ma jistax jitqies bhala dokument validu in kwantu bbazat fuq qerq u frodi u huwa r-rizultat ta' reat kriminali. Dan jirrendi tali dokument u, kif gustament sottomess mill-attur, kwalsiasi dokument sussegwenti ghalih bhala vizzjat bi frodi, u in linea mal-massima *fraus omnia corrumpit* tali dokumenti ma jistghux jigu dikjarati ghajr nulli u bla effett.

22. Ghaldaqstant tqiesu l-aggravji bhala mhux gustifikati u qed jigu respinti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-appell odjern billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif regolati mill-ewwel Qorti, mentri l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jithallsu mis-socjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df